MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2005

Numru. 220/2004

**PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH MERCIECA**
**VS**
**ELIZABETH GALEA**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Elizabeth Galea ta' 24 sena bint Michael Caruana u Domenica nee' Vassallo, imwielda San Giljan fit-30 ta' Awissu, 1979 u toqghod 54, St Mary Street, Naxxar, detentrici ta' karta ta' identita' numru 436379M talli fit-12 ta' Jannar, 2004 ghal habta ta' l-hdax u ghoxrin ta' filghodu gewwa l-Mayfare Jewellery ta' Triq il-Maskri, Qawra kkommettiet serq ta' mobile phone liema serq huwa agravat bl-ammont u ma jeccedix il-mitejn lira Maltin ai termini ta' l-Artikolu 267 ta' l-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta' l-kaz;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali u ta' l-imputata sabiex il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja;

Rat il-verbal tallum 31 ta' Jannar, 2005 fejn l-imputata ammettiet ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront taghha;

Semghet it-trattazzjoni ta' l-partijiet;

Ikkunsidrat:

Fuq l-istess ammissjoni taghha l-Qorti ssib lill-imputata hatja skond l-akkuza u wara li rat Artikoli 261 u 267 ta' l-Kap 9 u Article 22 ta' tal-Kap 446 tilliberaha bil-kondizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------